Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 59/2007

**Perit Carmel Mifsud Borg (appellant)**

**Vs**

**Miriam Dalli u Charlon Gouder (appellat)**

22 ta' Settembru, 2017.

1. B'sentenza tat-12 ta' Ottubru, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) filwaqt li laqat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talba tal-attur ghall-hlas ta' danni minhabba malafama waqt l-ahbarijiet ta' One News tas-7.30 pm tal-11 ta' Dicembru, 2006 li beda bil-kliem *"Anqas Minn Jumejn Ohra"*.

2. L-attur appella mis-sentenza. L-aggravju tal-attur kif spjegat minnu fir-rikors tal-appell, *"jirrigwarda l-apprezzament tal-provi u fatti manifestament zbaljati maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti, kif dawn gew minnha moralment interpretati u kif l-istess gew sussegwentement applikati, o meno, fil-kwadru legali tal-vertenza de quo"*.

3. Il-konvenuti wiegbu li apprezzament ta' provi m'ghandux ikun sindikat minn din il-qorti jekk mhux fejn ikun manifestament zbaljat. L-appellant ma qal xejn gdid li ma giex ikkunsidrat mill-ewwel qorti. Ziedu jghidu li l-attur ma jistax jippretendi li dak li jaghmel b'servizz governattiv ma jsirx skrutinju tieghu mill-media. Komplew li l-pubbliku ghandu dritt li jkun jaf kif ufficjali oghli juza servizz provdut lilu mill-Gvern minhabba l-funzjoni pubblika tieghu. Fejn fil-kaz ta' persuni pubblici, il-fatti huma sostanzjalment veri, il-qorti ghandha tippermetti latitudni wiesgha fil-kritika. Il-gurnalizmu ghandu wkoll rwol centrali ghaliex iservi biex tingabar informazzjoni u tinghata lill-pubbliku partikolarment fejn si tratt minn materja ta' importanza pubblika jew persuni pubblici.

4. **<u>Fatti</u>**.

- L-attur kien Direttur Generali tad-Divizjoni Servizzi fil-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura.
- Bhala parti mill-pakkett ta' rimunerazzjoni, l-attur kellu dritt ghal *"free telephone facilities"*. Skont klawzola 2.5.1.1 tal-Public Service Management Code, telefonati li jsiru barra minn Malta u li huma ta' natura personali, iridu jithallsu mill-impjegat.

- Fl-2002 l-attur ta donazzjoni lill-Partit Nazzjonalista minn fuq it-telefon tad-dar tieghu, waqt programm ghall-gbir ta' flus. Id-donazzjoni kienet ta LM5.
- Minhabba l-kariga li jokkupa, il-kont tat-telefon tad-dar tal-attur kien imhallas mill-Gvern.
- Id-Dipartiment ikkoncernat baghat il-kont lill-attur sabiex ihallas ghal dik it-telefonata. Fil-fatt l-attur hallas.
- Fir-rapport intqal:

*"Dakinhar, il-kont tat-telefon kien jithallas ukoll mill-Gvern; kont tat-telefon li ghandu f'idejh One News juri kif tal-inqas dakinhar, id-donazzjoni li kien ta dan l-ufficjal oghli kienet tammont ghal hames liri (Lm5). Sorsi infurmati tajjeb zvelaw ma' One News kif Carmel Mifsud Borg, engineer, huwa persuna qrib hafna tal-Partit Nazzjonalista u fdat mill-Ministru Ninu Zammit.*

*Il-Maltacom harget il-kont bin-numru 1914610 nhar is-7 ta' Marzu 2003. Skont taghrif moghti fil-Parlament jirrizulta illi matul is-snin 2003 u l-2004, l-ispiza fuq dawn il-kontijiet tat-telefon telghta ghal kwazi tlett mitt elf lira (Lm300,000). Dan ifisser illi, bhala pajjiz, matul l-2003 u l-2004, il-Gvern hareg erba' mitt lira (Lm400) kuljum biex jithallsu l-kontijiet tat-telefon tar-residenzi privati ta' numru ta' membri tal-istat, tal-privat tal-Ministri Nazzjonalisti u numru ta' ufficjali pubblici oghlja".*

- Fid-data li xxandar ir-rapport, Dalli kienet l-editur ta' One News u Gouder kien il-gurnalist li kiteb l-istorja.
- Fid-19 ta' Dicembru 2006 il-Ministru Anthony Zammit hareg dikjarazzjoni fejn ikkjarifika li l-kont kien thallas mill-attur.

5. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet li:

- L-attur kien jokkupa kariga pubblika matul iz-zmien in kwistjoni;
- Dak kollu li ghamel l-attur li b'xi mod kien jolqot dik il-kariga kien ta' interess pubbliku;
- Il-pubbliku ghandu dritt ikun jaf kif ufficjal gholi bhall-attur qieghed jaghmel uzu mis-servizz li jipprovdi l-Gvern;
- L-attur stess qal li fil-kariga tieghu ghandu jkun apolitiku. Madankollu xorta ghamel id-donazzjoni;
- *"Il-kwistjoni li fl-opinjoni ta' din il-Qorti qajjem ir-rapportagg tal-konvenuti hija jekk l-attur kienx etiku jew prudenti, meta waqt li kien ufficjali gholi tal-Gvern li ex admissis suppost li jkun apolitiku, b'servizz tat-telefon moghti lilu b'xejn ill-Gvern in konnessjoni mal-kariga tieghu, jaghmel donazzjoni lill-partit politiku. Mhux kontestat li l-kontijiet tat-telefon tar-residenza tal-attur kienu johorgu lill-Gvern u jithallsu mill-Gvern".*
- Imkien fir-rapport ma jinghad li l-flus inhargu minn fondi pubblici. Ir-rapportagg ighid biss li meta saret id-donazzjoni, *'il-kont tat-telefon kien jithallas ukoll mill-Gvern'.*

- Hu minnu li l-konvenut ma qalux li l-attur kien hallas il-flus ta' din id-donazzjoni lill-Gvern, qabel il-Gvern hallas il-kont tat-telefon tal-attur. Pero' mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut kellhom dik l-informazzjoni.
- Il-qorti ma tarax li l-konvenuti ragonevolmanet kellhom ghalfejn jinvestigaw ulterjorment qabel ma ppubblikaw ir-rapportagg in kwistjoni.
- Il-konvenuti kienu qeghdin jaqdu l-funzjoni taghhom ta' gurnalist, u cjoe' li jinfurmaw lill-pubbliku fatti li jinvolvu persuna pubblika u liema fatti kienu sostanzjalment korretti.
- Kienet ukoll saret kjarifika permezz ta' stqarrija tal-Ministru Zammit ftit granet wara r-rappurtagg. Stqarrija li giet pubblikata mill-konvenuti. Inoltre, l-attur seta' ghamel uzu mir-rimedju ta' risposta jew kjarifika taht l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa.

6. Bit-tieni eccezzjoni l-konvenuti nvokaw id-difiza tal-*fair comment*. Kif qalet din il-qorti fis-sentenza **Alfred Zammit vs Anton Attard** tal-20 ta' Gunju 2008, biex ternexxi eccezzjoni bhal dik:

*"jehtieg illi l-iskrittur ikun ikkummenta u hareg konkluzjonijiet minn fatti minnu esposti li jkunu veri u kompleti, b' mod li l-qarrej ikun f'konjizzjoni kompleta tac-cirkostanzi li minnhom ikun gie dedott il-kumment jew l-opinjoni ta' min jikteb, biex hekk il-qarrej ikun fil-posizzjoni li jaqbel jew le mad-deduzzjoni li jkun ghamel l-iskrittur a karigu ta' hadd iehor. Ara fost ohrajn, "Onor. Mabel Strickland -vs- Joseph Micallef Stafrace", Appell Kriminali, 29 ta' Settembru, 1959 u "Angelo Fenech proprio et nomine -vs- Anthony Montanaro et nomine", Appell Civili, 21 ta' Jannar, 1993".*

7. Il-principju kardinali ghal kull gurnalist hu li **jghid il-verita**.

8. F'dan il-kaz il-qorti ma tistax taqbel mal-ewwel qorti. L-artiklu jaghti lill-qarrej x'jifhem li d-donazzjoni ser tithallas jew thallset mill-Gvern. Dan jirrizulta bl-iktar mod car mill-ahhar paragrafu tar-rapport fejn inghataw dettalji dwar l-ispiza li ghamel il-Gvern biex hallas kontijiet tat-telefon ta' persuni bhall-attur.

9. Ir-rapport m'huwiex limitat ghall-kritika tal-attur talli fiz-zmien li kellu kariga pubblika ghamel donazzjoni lill-partit politiku. Il-messagg li jaghti r-rapport hu li sar abbuz, fis-sens li l-Gvern hallas jew ser ihallas id-donazzjoni ta' Lm5 li saret mill-attur. Hu veru li fl-artiklu ma jinghadx espressament li l-attur ma hallasx il-kont jew li hallsu l-Gvern. Pero' f'kazijiet simili l-qorti trid tara x'inhu l-messagg li l-gurnalist qieghed jaghti. B'dak li nghad fit-tielet u raba' paragrafu tar-rapport (ara fol. 3) il-konvenuti implikaw li l-kont tad-donazzjoni thallas jew kellu jithallas mill-Gvern:

*"Fil-maratona gbir ta' fondi illi ghamel il-Partit Nazzjonalista f'Dicembru ta' erba' snin ilu, lejliet l-elezzjoni generali tal-2003, Carmel Mifsud Borg kien ta donazzjoni lid-Dar Centrali.* ***Dakinhar, il-kont tat-telefon kien jithallas ukoll mill-Gvern.***

***Il-Maltacom harget il-kont bin-numru 1914610 nhar is-7 ta' Marzu 2003. Skont taghrif moghti fil-Parlament jirrizulta illi matul is-snin 2003 u l-2004, l-ispiza fuq dawn il-kontijiet tat-telefon telghat ghal kwazi tlett mitt elf lira (Lm300,000). Dan ifisser illi, bhala pajjiz, matul l-2003 u l-2004, il-Gvern hareg erba' mitt lira (Lm400) kuljum biex jithallsu l-kontijiet tat-telefon tar-residenzi privati ta' numru ta' membri tal-istat, tal-privat tal-Ministri Nazzjonalisti u numru ta' ufficjali pubblici oghlja"*** (enfazi tal-qorti).

Fil-fatt mill-provi rrizulta li lfit-8 ta' April, 2003, cjoe' snin qabel ma sar ir-rapport oggett ta' dawn il-proceduri, l-attur kien hallas ghal dik it-telefonata. L-ircevuta stess tghid li hallas Lm48.98 ghal *"overseas calls and donations Bill no: 1914610"*. Fil-fatt f'dak il-kont (fol. 23) hemm inkluz id-donazzjoni li l-attur ta lill-Partit Nazzjonalista.

Dan mhuwiex *fair comment*. Meta l-gurnalist ta taghrif ta kemm kienet l-ispiza tal-kontijiet tat-telefon tar-residenzi privati ta' ufficjali pubblici kien qieghed jimplika li l-Gvern aghmel tajjeb ghal dik id-donazzjoni. Hekk biss qarrej ordinarju seta' jifhem x'qieghed jalludi l-gurnalist meta:

- Qal li fiz-zmien li saret it-telefonata, il-kont tat-telefon tal-attur kien jithallas mill-Gvern;
- Ta taghrif dwar hlas li aghmel il-Gvern fir-rigward ta' kontijiet ta' residenzi privati ta' Ministri u ufficjali pubblici b'kariga oghlja, u dan ezatt wara s-sentenza *"Il-Maltacom harget il-kont bin-numru 1914610 nhar is-7 ta' Marzu, 2003"*.

Dan zgur li hu malafamanti in kwantu jekk veru jkun ifisser li l-attur m'agixxiex b'mod korrett. Pero' mill-provi rrizulta li l-attur kien personalment hallas ghal dik it-telefonata. Fatt mhux kontestat. Kif qalet din il-qorti fis-sentenza **Alfred Zammit vs Anton Attard** tal-20 ta' Gunju 2008:

*"Ma jistax allura jkun pretiz illi taht il-paraventu tal-liberta tal-espressjoni tinghata licenzja li wiehed jipprezenta l-fatt kif irid u jaqbillu ….."*

10. Hu veru li l-ewwel qorti kkonkludiet li mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti kienu nfurmati li l-attur kien hallas il-kont. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-konvenuti m'ghandhomx responsabbilta. Il-konvenuta Dalli qalet, *"Ma stajniex nafu jekk fil-fatt dawn il-hames liri gewx rifuzi mill-istess attur sussegwentement"*. Jekk ma tistaqsix u taghmel ricerka ovvjament mhux ser tkun taf. F'dan ir-rigward Dalli ma ftakret assolutament xejn. Hekk per ezempju qalet:

- Dejjem tistaqsi lil Gouder jekk ghamilx ricerka. Pero' f'dan il-kaz ma kinitx tiftakar x'kienet it-twegiba tieghu;
- Li ma tiftakarx jekk talbux taghrif mill-ufficcju fejn kien jahdem l-attur.

Min-naha l-ohra Gouder jidher li aghzel it-triq tas-silenzju ghaliex ma jirrizultax li xehed. Ghaldaqstant ma tezisti l-ebda prova li qabel il-pubblikazzjoni il-konvenuti jew xi hadd minnhom ghamel ricerka dwar il-kaz.

11. Qabel jippubblika l-gurnalist kellu jaghmel verifiki. Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza **Norman Bezzina vs Joe Mifsud** tas-26 ta' Marzu, 2010:

*"Anke, f'dan il-kaz, il-materji riferibbilment ghall-attur appellant kienu ta' interess generali, u ghalhekk* ***sakemm dawk l-allegazzjonijiet jigu investigati b'mod serju u prudenti minn gurnalist u minghajr motivi jew skopijiet ulterjuri*** *(tali motivi u skopijiet ulterjuri normalment ikunu subdolament travizati) ma jistax jinghad li jkun hemm diffamazzjoni permezz tal-istampa (jew permezz ta' xi mezz iehor li ghalih tirreferi l-ligi)".*

12. Ghall-qorti mir-rapport hu evidenti li Gouder hadha *for granted* li l-attur ma hallasx il-kont. Pero ma kellu l-ebda dritt li jipprezumi fatt bhal dak. L-awtur facilment seta' kkomunika mal-attur u ghamillu domandi, u jekk ma jwegibx jirrapporta dak il-fatt. Seta' wkoll jikkomunika mal-*accounts department* u jitlob taghrif. Il-mezzi ta' komunikazzjoni huma varji u l-verifiki facilment setghu saru. Min-naha taghha jidher ukoll li l-editur accettat ir-rapport kif inkiteb minn Gouder. Kieku l-kaz gie ricerkat b'mod serju qabel ixxandar ir-rapport, il-konvenuti kienu ikollhom il-kwadru komplet u veraci ta' dak li gara. Fir-rapport thalla barra dettall importanti u fundamentali, li jfisser li ma sarx rakkont sew tal-fatti.

13. F'dan il-kaz ma jistax jinghad li l-fatti huma sostanzjalment korretti. Hu evidenti li r-rapport kien bazat fuq l-insinwazzjoni principali li l-Gvern jaghmel tajjeb ghad-donazzjoni li l-attur ta lill-Partit Nazzjonalista. Insinwazzjoni li mhijiex il-verita.

14. Ghal dak li huma danni, il-qorti ser tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' seba' mitt ewro (€700). Dan wara li qieset li l-Ministru Anthony Zammit kien f'dak iz-zmien li deher ir-rapport ippubblika stqarrija ghall-istampa fejn spjega li f'Dicembru 2002 l-attur kien ta donazzjoni lill-Partit Nazzjonalista u **hallas il-kont lill-Gvern**. Stqarrija li saret biex tinghad il-verita kollha tal-kaz u tiskolpa lill-attur minn agir ta' abbuz, u li saret ftit granet wara li xxandar ir-rapport. Il-fatt li l-attur seta jirrikorri ghal dak li jipprovdi l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) ma jezonerax lill-konvenuti mill-obbligu li jhallsu danni taht l-istess Att.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru, 2016.**
2. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talba tal-atturi.**

3. **Tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lill-attur is-somma ta' seba' mitt ewro (€700).**

**Spejjez taz-zewg istanzi huma kollha a karigu tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.